# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

## LAQGĦA NUMRU 48

6 ta' Ġunju 2018

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fid-9.00 ta' filgħodu.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sur Vince Borg | ( VB ) | V/Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Grech Sant | (AGS) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |

SKUŻAT:-

0

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

M' Lourdes Lautier Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku Davina Sammut Hili fetħet il-laqgħa billi qalet li tixtieq tibgħat il-kondoljanzi lill-familjari tas-Sur Colin Muscat u qalet li tixtieq tirringrazzjah tax-xogħol kollu li għamel marbut mal-Festa ta' San Publju kif ukoll matul l-edizzjonijiet passati tal-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat.

## MINUTI

### 48.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI;

48.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 48.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

48.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tal-sebgħa u erbgħin (47) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

48.2.2. Il-Viċi Sindku VB ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JAE favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (VB, AD, JAE, DSH, , AGS)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

48.2.3. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għall-materja nru 47.2.7 rigward it-tabella tal-lokalita u fakkar li t-tabella li qegħda fit-Telgħa ta' Kastilja kellha bżonn tiċċaqlaq. Is-SE wieġbet li għandha tfakkar lill-ħaddiema appena jkunu lesti mix-xogħol li għaddej bħalissa.

48.2.4. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għall-materja nru 47.2.8 rigward it-tabella tal-lokalita tal-Ħamrun. Huwa qal li l-impjegat tal-Kunsill kellu jgħaddi mappa lis-SE li tindika fejn għandha tiġi t-tabella. Is-Sindku staqsiet jekk is-SE kienitx kellmet lill-Kunsill Lokali Ħamrun. Is-SE wieġbet li għandha tkellimhom u tibgħatilhom il-mappa.

48.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 47.2.5 rigward il-Fosos u staqsa jekk kienx hemm risposta mill-Ministru Owen Bonnici. Is-Sindku DSH qalet li sa dakinhar ma kien għad hemm l-ebda risposta iżda kienet kellmet lill-Ministru li għandu jinforma lill-Kunsill biex tinżamm laqgħa miegħu.

48.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 47.2. 9 u staqsa jekk kienux inġiebu kwotazzjonijiet biex isir ix-xogħol maġenb il-Young Falcons Club. Is-SE informat li kienu għadhom ma ntalbux kwotazzjonijiet minħabba li x-xogħolijiet kienu maġġuri u ma kienux sempliċi asfaltar. Hija qalet li l-Kunsill irid jara f'hiex jinsab finanzjarjament u jalloka fondi għal dan ix-xogħol.

48.2.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 47.5.1 rigward il-proposta tiegħu fl-aħħar laqgħa li tikkonċerna l-banners ta' Jum il-Floriana. Il-Kunsillier JAE skuża ruħu għan-nuqqas ta' informazzjoni li kellu u qal li t-talba tal-Floriana FC kienet li l-banners jingħatawlhom b'xejn mill-Kunsill.

48.2.7.1. Is-Sindku DSH qalet li ġieli ingħataw banners b'xejn lill-Floriana FC. Hija qalet li għalkemm ma ssibx oġġezzjoni, temmen li l-ewwel prijorità għandha tingħata lill-familjari tal-persuna onorata. Hija qalet li fil-każ li dawn il-banners jinbiegħu lill-familja, il-Kunsill m'għandux ikun mitlub jagħmel replika biex tingħata lill-Floriana FC.

48.2.7.2. Il-Kunsillier JAE qal li f'każ li jkun hemm bżonn li ssir replika, allura l-Kunsill għandu jagħti d-dettalji tad-disinn u fejn jinħadmu, u r-replika ssir mill-Floriana FC a spejjeż tagħhom.

48.2.7.3. Il-Viċi Sindku VB qal li ma jħossx li hu sew li l-familjari jintalbu jħallsu għalihom filwaqt li lill-Floriana FC jingħatawlhom b'xejn. Is-Sindku qalet li ladarba kienu diġà

ingħataw b'xejn lill-Floriana FC, allura kellha tinżamm il-prassi. Il-Viċi Sindku VB qal li jemmen li allura, il-banners għandhom jingħataw b'xejn anke lill-familjari. Il-Kunsillier JAE qal li l-banners li jingħataw lill-Floriana FC se jkunu kontinwament esposti u se jservi ta' reklam kontinwu għall-Kunsill Lokali Floriana.

48.2.7.4. Il-Kunsillier AD qal li hu m'għandux oġġezzjoni. Huwa żied jgħid ukoll li jemmen li kemm il-familja kif ukoll il-Floriana FC għandhom ikollhom kopja ta' dan il-banner. Għalhekk qal li ser jipprova jara jekk isibx sponsor għall-printing.

48.2.7.5. Għalhekk il-Kunsill qabel, bl-eċċezzjoni tas-Sur Vince Borg (Viċi Sindku), li l-banners tal-plejers nominati f'Jum il-Floriana, jingħataw b'xejn lill-Floriana FC bil-kundizzjoni li l-ewwel opportunita tingħata lill-familjari li jkunu jixtiequ jixtru l-banner.

48.2.8. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 47.5.2 rigward il-Waterfront u staqsa jekk is-Sindku kienitx tkellmet magħhom. Is-Sindku qalet li l-Waterfront kellhom konferenza importanti u kienu okkupati iżda kienet kellmithom dwar il-kamra li fiha jżommu l-iskart. Hija qalet li huma nformawha li kienu jafu biha u li kienu qed jaraw x'jista' jsir biex tiġi eliminata din il-problema. Is-Sindku qalet li għandha ssib ħin sabiex tkellimhom dwar l-*advertising*.

## 48.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

48.3.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għas-sejħa maħruġa minn Reġjun Xlokk dwar xogħol ta' tarmac li sar jew ser isir, il-Kunsill issottometta l-ispiża tat-tarmac ta' Triq John Lopez u kien qed jistenna risposta dwar l-għoti tal-fondi. Il-Viċi Sindku VB qal li f'każ li jkun hemm kunsilli lokali li ma jissottomettux il-BOQs fiż-żmien stipulat, il-fondi allokati jinqasmu fuq il-kunsilli lokali li jkunu applikaw.

## 48.4 Rapporti

48.4.1. Il-Kunsillier AD informa li kien attenda laqgħa dwar il-vjolenza domestika li matulha ġiet diskussa l-idea li jiġu formati ċentri fit-Tramuntana u n-Nofsinhar ta' Malta sabiex ikunu jistgħu jassistu persuni li jkunu għaddejjin minn vjolenza domestika.

48.4.2. Il-Viċi Sindku VB informa li kienet inżammet laqgħa mal-għaqdiet non governattivi fejn ġew diskussi modi kif ikunu jistgħu jinġiebu fondi. Il-Viċi Sindku qal li fil-jiem li ġejjin, il-Kunsill għandu jirċievi *template* biex tiġi ċirkolata lill-għaqdiet. Huwa qal ukoll li sussegwentement għandha tinżamm laqgħa dwar dan fid-Dar tal-Kunsill.

48.4.3. Il-Viċi Sindku VB qal li kienet inżammet laqgħa ma' studenta li qed tagħmel il-Masters fi *speech pathology* fejn proponiet li tkun tista' tagħmel ċertu testijiet fuq nies li jkunu suxxettibbli għal *stroke* li taffetwalhom id-diskors tagħhom. Il-Kunsill qabel li għandu jgħin billi jipprovdilha l-konnessjonijiet tiegħu mal-għaqdiet lokali, il-Knisja u jirriklama dan l-istudju fuq il-paġna tiegħu ta' Facebook.

## 48.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

48.5.1. Il-Kunsillier JAE qal li kellu korrispondenza mas-Sur Chris Psaila dwar proposta biex isir arblu fil-Floriana bil-bandiera tal-lokalita. Il-Kunsillier JAE qal li jaf li tali arblu ma jistax isir fuq il-bejt tad-Dar tal-Kunsill u għalhekk staqsa jekk jistax isir arblu band'oħra.

48.5.1.1. Is-Sindku DSH qalet li x-xiri u t-tqegħid ta’ arblu jammontaw għal madwar €15,000 u tali spiża kienet diġà ġiet diskussa f’leġislaturi preċedenti fejn kien hemm proposta li l-arblu jitwaħħal fi Triq Sant’Anna. Is-Sindku qalet li minħabba l-lokazzjoni, kien hemm ħafna dettalji tekniċi bħal li jrid ikun ta’ ċertu kobor u l-bażi tiegħu irid ikollha ċertu saħħa minħabba l-ammont ta’ vetturi li jgħaddu mit-triq ta’ kuljum. Hija qalet ukoll li l-pjanijiet kollha kienu lesti preparati mill-Perit iżda l-ispiża kienet waħda kbira u temmen li dawn il-flus setgħu jintefqu fuq affarijiet fil-lokalita li jimmeritaw prijorità ikbar.

48.5.1.2. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk tistax tiġi kkunsidrata lokazzjoni oħra biex forsi l-ispiża tkun waħda inqas.

48.5.1.3. Il-Kunsillier AGS propona s-sit ta’ Bieb il-Bombi iżda s-Sindku qalet li dan ma kienx possibbli minħabba li Bieb il-Bombi huwa meqjus monument nazzjonali.

48.5.1.4. Is-Sindku qalet li l-ħsieb kien li l-arblu jitpoġġa f’post prominenti fejn il-bandiera tkun tidher mill-bogħod.

48.5.1.5. Il-Viċi Sindku VB qal li iktar ma tkun kbira il-bandiera, iktar se jaħkimha r-riħ u għalhekk wieħed irid joqgħod attent mill-vetturi li jkunu għaddejjin minn ħdejh u l-madwar.

48.5.1.6. Is-Sindku DSH qalet li l-Kunsill seta’ jkellem lill-Gvern Ċentrali u jipproponi li titwaħħal il-bandiera tal-lokalita ma’ waħda mill-arbli li għandhom fi Triq Sant’Anna, meta ma jkunux waħħlu l-bnadar tagħhom. Il-Kunsill qabel li għandu jkellem lill-Foreign Affairs dwar din il-proposta.

48.5.2. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għal artiklu li deher fuq Newsbook dwar siġar f’Jubilee Grove fejn ġie kwotat li dan il-masġar kien fil-Pietà. Il-Kunsillier JAE propona li l-Kunsill jibgħat korrispondenza ta’ korrezzjoni sabiex jikkoreġu l-lokalita kwotata kif ukoll l-isem tal-masġar. Il-Kunsill qabel.

48.5.3. Il-Kunsillier JAE qal li s-sinjal tal-lokalita maġenb dan il-masġar kien telaq u għalhekk propona li l-Kunsill jiddiskuti mal-Ministru José Herrera dwar jekk tistax issir plakka bl-isem tal-masġar u li tkun turi wkoll l-arma tal-lokalita tal-Floriana. Il-Kunsill qabel.

48.5.4. Il-Kunsillier JAE qal ukoll li xtaq jirringrazzja pubblikament lill-Ministru José Herrera tal-attenzjoni tiegħu fejn il-Kunsillier kien ilmenta dwar biċċa plastik li tħalliet mix-xogħol li sar matul il-weekend. Huwa qal li l-Ministru wieġbu f’temp ta’ ftit siegħat dakinhar stess u qal li dan kien eżempju tajjeb ħafna mill-Ministru li għalih xtaq jirringrazzjah pubblikament.

## 48.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta’ Kumitati u/jew Sottokumitati;

48.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta’ kumitati u/jew sottokumitati.

## 48.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

48.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 40/07 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

48.7.1.1. Il-Kunsillier AGS staqsa dwar pagament numru tmienja dovut lill-Pulizija. Is-Sindku spjegat li dan kien jittratta l-*conveyance permits* maħruġa matul il-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat.

48.7.1.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsillier Albert Demarco, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 48.8 MOZZJONIJIET

48.8.1. Ma kien hemm l-ebda mozzjonijiet.

## 48.9 OFFERTI PUBBLIĊI

48.9.1. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li kien qed jiġi abbozzat it-tender tat-tindif tas-*soft areas*. Hija proponiet li jkun hemm estensjoni tal-kuntratt eżistenti sakemm sakemm jiġi ppublikat u aġġudikat it-tender-il ġdid. Il-Kunsill qabel.

48.9.2. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li fl-aħħar jiem, il-Kunsill kien ingħata l-*go ahead* biex imexxi fuq il-*concession* tal-gabbana taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Is-Sindku qalet li sa ma jiġi ppublikat, aġġudikat u finalizzat it-tender, ser jerġa jgħaddi Sajf ieħor u l-gabbana titħalla magħluqa. Għalhekk proponiet li sa ma jibda jopera l-offerent il-ġdid, titpoġġa *mobile kiosk* sabiex min ikun il-KGV ikun jista' jinqeda xorta waħda. Il-Kunsill approva.

48.9.2.1. Il-Kunsill qabel ukoll li l-persuna li tieħu l-*mobile kiosk* tkun mitluba tieħu ħsieb ukoll il-latrina pubblika li hemm fil-KGV.

48.9.2.2. Is-Sindku qalet li r-riklam għal *concession* ser joħroġ nhar it-Tlieta 12 ta' Ġunju 2018 u jkun ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern.

48.9.2.3. Is-Sindku qalet ukoll li jrid jinħatar Bord ta' Evalwazzjoni li jkun kompost minn tliet uffiċjali pubbliċi li ma setgħux ikunu s-Sindku jew is-Segretarju Eżekuttiv.

48.9.2.4. Il-Viċi Sindku VB staqsa dwar is-saqaf tal-gabbana. Is-Sindku qalet li s-saqaf tal-gabbana għalissa seta' jitħalla kif inhu u jitranġa bħala parti mill-proġett propost għall-KGV.

48.9.2.4.1. Is-SE ressqet kwotazzjonijiet għas-saqaf tal-gabbana u qalet li kien hemm żewġ kwotazzjonijiet biss, wara ħafna ġiri. Il-Kunsill qabel li jmur għall-orħos kwotazzjoni li tammonta għal €5000.

48.9.3. Is-Sindku DSH qalet li kienu nġiebu kwotazzjonijiet biex jiġi mnaddaf isfel tal-Polverista minn kull ħaxix u arbuxelli. Il-Kunsill qabel li għandu jmur għall-orħos kwotazzjoni li tammonta għal €554.60.

48.9.4. Il-Kunsillier JAE qal li kien hemm bżonn li jitneħħa l-ħaxix ħażin li kiber fuq is-sur tal-KGV. Il-Kunsill qabel li għandu jgħaddi l-ilment lis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali. Is-Sindku qalet li nel frattemp, ser tara ġġibx xi kwotazzjonijiet.

48.9.5. Is-Sindku qalet li l-Bord tal-Evalwazzjoni kien aġġudika l-offerti kollha marbuta mal-offerta għal ġbir ta' skart. Hija qalet li l-offerti kollha kienu validi.

48.9.5.1. Il-Kunsillier AD propona li l-Kunsill jagħżel l-orħos offerta, fuq rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Verifika. Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku VB, u ttieħed vot bir-riżultat kien:

Favur: 5 (AD, VB, DSH, AGS, JAE)
Kontra: 0

Astensjonijiet: 0

## 48.10 KORRISPONDENZA

### 48.10.1. GREENS NIGHT

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Floriana Supporters Club fejn talbu permess sabiex jorganizzaw Greens Night fi Ġnien Vilhena nhar l-10 t'Awwissu 2018. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

### 48.10.2. ANNUAL PRESENTATION NIGHT

Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand il-Floriana Nursery fejn informaw li ser jorganizzaw l-Annual Presentation Night Dinner. Huma offrew li din l-attività tiġi organizzata b'mod konġunt mal-Kunsill. Il-Kunsill approva li jorganizza l-attività b'mod konġunt kif propost.

### 48.10.3. DINNER ORGANIZZAT MILL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI FI ĠNIEN L-ARGOTTI

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-Uffiċċju Parrokkjali sabiex jorganizzaw dinner tradizzjonali fil-Ġnien tal-Argotti nhar l-10 t'Awwissu. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju u qabel li għandu jikkomunika ma' min hu responsabbli mill-Ġnien tal-Argotti sabiex jingħata permess biex tiġi organizzata din l-attività. Il-Kunsill qabel li minkejja dan, għandu jitlob li d-data tinbidel u dan minħabba li l-avveniment ser jikkoinċidi mal-Greens Night.

### 48.10.4. KORRISPONDENZA MINGĦAND DR GEORGE SAID ZAMMIT

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Dr George Said Zammit mid-Dipartiment tal-Eżamijiet, fejn ilmenta dwar il-muturi li jipparkjaw fiż-żona. Is-Sindku DSH qalet li mutur u karozza huma differenti u ma taħsibx li muturi li jipparkjaw hemm ser jaffetwaw lid-Dipartiment. Wara diskussjoni, il-Kunsill ma qabilx ma' dan l-ilment minħabba li l-muturi ma kienux qed ikunu t'ostaklu. Il-Kunsill qabel ukoll li huwa d-dmir tal-LESA li jieħu ħsieb dawn il-materji li jikkonċernaw il-parkeġġ u t-traffiku.

### 48.10.5. TALBA MILL-ORGANIZZATURI TAL-KORSIJIET GĦAQAL FID-DAR

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mill-organizzaturi tal-korsijiet ta' Għaqal fid-Dar fejn proponew li jagħmlu attività għal dawk li qed jipparteċipaw f'dawn il-korsijiet fejn jeħduhom isajjru fl-iskola ta' St Elias. Huma proponew li tali attività tiġi organizzata b'mod konġunt fejn il-Kunsill jieħu ħsieb it-trasport għal dakinhar. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li għandu jitlob kwotazzjonijiet għat-trasport.

### 48.10.6. TALBA MINGĦAND IS-SUR JASON GHIGO

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand is-Sur Jason Ghigo fejn talab permess jagħmel użu mill-piċċ iż-żgħir tal-KGV għal sagħtejn f'ġimgħa u bħala korrispettiv, jieħu ħsieb inaddfu senza interessi. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jilqa' din it-talba sakemm ma jitlesta l-proġett u anke minħabba li kien hemm talbiet oħra simili li ma kienux ġew milqugħa.

## 48.11 ISMIJIET TAS-SWALI TAL-KUNSILL

48.11.1. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għas-swali tal-Kunsill u qal li kien qed jipproponi li jingħataw isem. Huwa qal li qed jipproponi dawn l-ismijiet: is-sala l-kbira tissemma Sala Pietro Paolo Floriani,

il-kamra tal-laqgħat tal-Kunsill tissemma Sala Gran Mastru Vilhena u s-sala ta' fejn hemm il-kompjuters tissemma Sala San Publju. Huwa qal jifdal il-lecture room li għalkemm ma kellux isem għaliha, propona li din tissemma għal xi personaġġ ieħor prominenti fil-lokalita.

48.11.2. Il-Kunsillier AD propona li l-*lecture room* tissemma Sala AM Valperga li kien il-Perit li bena s-swar tal-Floriana u l-madwar.

48.11.3. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li s-swali għandhom jissemmew kif ġej:

Is-sala l-kbira: Sala Pietro Paolo Floriani
Is-sala tal-kompjuters: Sala San Publju
Il-*lecture room*: Sala Gran Mastru Vilhena
Is-sala ta' fejn jinżammu l-laqgħat tal-Kunsill: Is-Sala tal-Kunsilliera.

48.11.4. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jordna l-plakki tal-ismijiet tal-ħġieġ jew perspex sabiex jitwaħħlu maġenb il-bibien tas-swali msemmija.

## 48.12 Proġett tal-Ġnien Re George V

48.12.1. Is-Sindku nformat li l-pjanti tat-*toilets* kienu ġew modifikati u li issa kemm it-*toilets* tal-irġiel kif ukoll tan-nisa ser ikollhom entratura separata.

48.12.2. Is-Sindku nformat ukoll li d-DNO mill-Awtorità tal-Ippjanar kienet ġiet approvata u s-CPRD kienu approvaw ukoll il-pjanti għall-proġett.

48.12.3. Is-Sindku qalet li għalhekk l-applikazzjoni tal-proġett kienet qegħda quddiem il-UIF Board Committee sabiex jiġu approvati l-fondi.

48.12.4. Is-Sindku qalet ukoll li issa l-Kunsill kien ser jibda jaħseb biex jiġu abbozzati s-sejħiet għall-offerti relattivi.

48.12.5. Is-SE qalet li minħabba xi speċifikazzjonijiet tal-bandla speċjali u speċifikazzjonijiet standard oħrajn, kien ser ikun hemm qabża ikbar fl-istima oriġinali tas-*soft flooring*.

## 48.13 Dawl fi Ġnien Vilhena

48.13.1. Is-Sindku DSH informat li x-xogħol ta' dawl fi Ġnien Vilhena kien tlesta. Hija qalet li l-madum tal-ġnien kien twaħħal mill-ħaddiema tal-Kunsill stess u qalet li tixtieq tirringrazzjahom pubblikament tal-ħidma tagħhom.

48.13.2. Is-Sindku qalet li issa li kien tlesta x-xogħol fi Ġnien Vilhena, il-Kunsill ser jiffoka fuq il-KGV.

48.13.3. Hija qalet ukoll li nel frattemp kienu ser jinżebgħu l-bankijiet ta' Ġnien Sir Luigi Preziosi u li kienu twaħħlu wkoll iktar *floodlights* f'dan il-ġnien sabiex ma jkunx hemm nuqqas ta' dawl. Is-Sindku qalet ukoll li din il-leġislatura ma kienx fadlilha iktar żmien u għalhekk sta għall-leġislatura tal-kunsill li jmiss sabiex eventwalment, tkun tista' tiffoka fuq Ġnien Sir Luigi Preziosi jekk jidhrilha xieraq.

## 48.14 Isle of MTV

48.14.1. Is-Sindku DSH qalet li wara li nżammu laqgħat mal-organizzaturi tal-Isle of MTV, kien ġie konkluż li l-Kunsill jingħata mitt biljett ta' parkeġġ fil-parkeġġ tal-MCP li jitqassmu lir-residenti biex jintużaw dakinhar tal-kunċert. Hija qalet li l-prijorità ta' dawn il-biljetti għandha tkun tar-residenti li ser jiġu

affettwati l-iktar, u cioe dawk li t-triq tagħhom ser tingħalaq jew mhux ser jitħalla parkeġġ. Is-Sindku qalet li iktar dettalji ta' kif ser jitqassmu dawn il-biljetti ser jingħataw iktar 'il quddiem.

48.14.2. Is-Sindku qalet li kienet staqsiet rigward il-*clearance* tal-Pulizija fejn ġiet informata li t-toroq ma kienux ser jingħalqu.

48.14.3. Is-Sindku qalet li dakinhar tal-kunċert ser ikun hemm total ta' ħmistax-il gwardjan lokali flimkien ma' *supervisor.*

48.14.4. Is-Sindku qalet ukoll li kien hemm ftehim sabiex issir laqgħa mas-sidien tal-bars tal-lokalita kif ukoll mal-organizzaturi tal-Isle of MTV nhar it-Tlieta 12 ta' Ġunju fis-6pm.

48.14.5. Is-Sindku qalet li kienet intalbet tipprovdi lista' ta' bars li jinsabu fl-*enclosed area* sabiex jinħarġulhom permessi biex ikunu jistgħu jaċċessaw iż-żona waqt l-armar tal-palk u dakinhar tal-kunċert. Hija qalet li l-istess permess ser jingħata wkoll lill-Kunsilliera u għalhekk talbet lill-Kunsill jindika liema Kunsilliera jixtiequ dan il-permess.

48.14.6. Il-Kunsillier JAE staqsa dwar it-toroq li ser jingħalqu u minn fejn ser jgħaddi t-traffiku dakinhar tal-kunċert. Is-Sindku qalet li dakinhar Triq Sant'Anna ser tkun magħluqa ħlief għat-trasport pubbliku u l-*minibuses*, u għalhekk it-traffiku kien ser jgħaddi minn ħdejn Triq Sa Maison jew minn quddiem il-Waterfront. Hija qalet ukoll li kien ser ikun hemm taxi stand Triq Ġlormu Cassar.

48.14.7. Is-Sindku DSH qalet li huwa importanti li l-bars iżommu d-distanza tagħhom u mhux jieħdu iktar mill-faċċata tagħhom.

48.14.8. Is-Sindku qalet li kien ser ikun hemm ammont ta' toilets bħas-snin preċedenti. Il-Kunsilli iddiskuta l-importanza li dawn ikollhom biżżejjed dawl sabiex ma jkunx hemm abbuż.

48.14.9. Is-Sindku qalet ukoll li kienet talbet li t-tabelli tal-*clearance* jitwaħħlu minn jumejn jew tlieta qabel u mhux dakinhar stess u dan sabiex is-sidien tal-vetturi jingħataw biżżejjed ċans jagħmlu arranġamenti oħrajn. Is-Sindku qalet li l-MTA kienu proponew li tintbagħat ittra ta' notifika lir-residenti sabiex ikunu nfurmati bil-*clearance* li ser ikun hemm in effett dakinhar. Il-Kunsill qabel ukoll li l-istess notifika tiġi ppubblikata fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill.

## 48.15 KUNĊERT TA' JOSEPH CALLEJA

48.15.1. Is-Sindku DSH qalet li l-kunċert ta' Joseph Calleja kien ser jinżamm nhar il-21 ta' Lulju. Hija qalet li l-organizzaturi tal-kunċert kienu ser jieħdu ħsieb kollox bħas-snin ta' qabel u mhux previst li jkun hemm problemi ulterjuri.

## 48.16 FITNESS CLASSES GĦAL KULĦADD

48.16.1. Il-Kunsillier AGS qal li s-sena li għaddiet kien mistieden għand il-President ta' Malta fejn kienet ġiet diskussa l-problema ta' obeżità fil-pajjiż. Huwa qal li kien ser jipproponi li jiġu introdotti *fitness classes* fi Skolasajf sabiex minn età ċkejkna, it-tfal ikunu jistgħu jibdew jiġu konxji ta' din il-problema.

48.16.2. Is-SE qalet li l-programm ta' Skolasajf huwa organizzat mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Il-Kunsill qabel li għandu jgħaddi dan is-suġġeriment lid-Dipartiment konċernat.

48.16.3. Il-Kunsillier JAE qal li ta' kull sena, Skolasajf jissuġġerixxu li jkun hemm attività konġunta mal-Kunsill u għalhekk propona li l-Kunsill jissuġġerixxi dawn il-klassijiet li jittellgħu b'mod konġunt. Huwa qal li l-Kunsill ikun jista' jipprovdi frott, xorb, eċċ. Huwa qal ukoll li b'dan il-mod tkun tista' tipparteċipa l-iskola kollha. Il-Kunsill qabel li għandu javviċina lil Skolasajf b'din il-proposta.

48.16.4. Il-Kunsillier VB qal ukoll li appena jitlesta l-proġett tal-KGV, il-Kunsill kien ser ikollu wkoll *outdoor gym* li jiffunzjona u għalhekk jista' anke jiġi kkunsidrat li jinġieb *physical trainer* matul is-sena sabiex jagħti korsijiet relatati mal-*fitness.*

48.16.5. Il-Kunsillier AGS qal li biex tiżdied il-kuxjenza dwar din il-problema, apparti dawn il-korsijiet, ikun importanti wkoll li jkun hemm servizz ta' *nutritionist* minħabba li l-problema tal-obeżità trid tiġi indirizzata wkoll minn aspett ta' nutrizzjoni.

48.16.6. Il-Kunsillier AD qal li kull kunsill lokali għandu d-dmir li jara li qed joffri kull tip ta' servizz li jtejjeb il-kwalità ta' ħajja tar-residenti tiegħu u għalhekk huwa favur kwalunkwe inizjattiva simili.

**48.17 LOGO**

48.17.1. Il-Kunsillier AD preżenta quddiem il-Kunsill logo li kien ħadem fuqu sabiex jibda jintuża mill-Kunsill. Huwa qal li kien iffoka fuq il-fatt li l-kulur aħdar kien jirrappreżenta iktar lil-lokalita mill-kulur aħmar. Huwa qal ukoll li kien żied elementi ta' siġar u skultura li jirriflettu l-ammont ta' ġonna, skultura u kultura li toffri l-lokalita.

48.17.2. Is-Sindku DSH qalet li l-logo preżentat ma setax jissostitwixxi l-logo uffiċjali tal-lokalita minħabba li l-logo attwali kellu rabta storika u legali. Hija qalet ukoll li l-bidla tal-emblema kien proċess twil u diffiċli li jinbidel.

**48.18 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.**

48.18.1. Il-laqgħa intemmet fil-10.40am u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 11 ta' Lulju fis-2.00pm.

**Konfermati, illum 11 ta' Lulju 2018.**

| | |
|---|---|
| Firmati | Firmati |
| Davina Sammut Hili | M'Lourdes Lautier |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |